



Il-Kummissjoni
Ewropea

ASSIGURAZZJONI TAL- KONFORMITÀ AMBIJENTALI

PJAN TA' AZZJONI TAL-UE



Inqisu r-regoli ambjentali bis-serjetà...

L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet regoli dwar x'wieħed jista' jagħmel u x'ma jistax jagħmel mil-lat legali biex tipprovdi benefiċċji ambjentali li jinkludu ilma nadif, arja li wieħed jista' jieħu nifs minnha u natura b'saħħitha għalina kollok.

Dawn ir-regoli jeħtieġ li jiġu segwiti min-negozji u oħrajn, inkella s-soċjetà ssofri minn żieda fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, dħul tal-gvern mitluf u kompetizzjoni inġusta bejn in-negozji. Il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni b'9 punti biex tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jippromwovu, jimmonitorjaw u jinfurzaw konformità magħhom.

Promozzjoni tfisser li n-negozji u oħrajn jiġu megħjuna jieħdu deċiżjonijiet tajbin;

Monitoraġġ tfisser l-użu ta' spezzjonijiet u verifiki oħrajn biex tinġabar informazzjoni dwar il-livelli ta' konformità u tiġi pprovduta evidenza soda għall-infurzar;

Infurzar tfisser li dawk li ma jsegwux ir-regoli jitwaqqfu, jiġu sanzjonati u jkunu obbligati jirretifikaw il-ħsara.

Din il-ħidma tal-awtoritajiet pubbliċi hija magħrufa bħala assigurarazzjoni tal-konformità ambjentali.

Eżempji ta' regoli ambjentali

Dak li wieħed ma jistax jagħmel:

- Jarmi skart fil-kampanja
- Jopera installazzjoni industrijali mingħajr permess ambjentali
- Jikkaċċja għasafar selvaġġi fir-Rebbiegħa meta jkunu qegħdin jitgħammru jew jemigraw

X'wieħed jista' jagħmel:

- Jagħti skart lil dawk li huma intitolati biex jiġbruh jew jittrattawh
- Jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'permess industrijali jew permess ieħor
- Jittratta l-ilma urban mormi qabel ma jarmih fix-xmajjar jew fil-baħar

L-Azzjonijiet għandhom l-għan li:

Jgħinu lill-ispetturi u lill-uffiċjali tal-liġi jgħaqqdu l-forzi tagħhom

L-ispetturi ambjentali minn madwar l-UE diġà jaħdmu flimkien fuq spezzjonijiet konġunti ta' vjeġġi ta' skart. Il-Kummissjoni se tftitex li ssaħħaħ dawn l-isforzi komuni.



Iħeġġu t-taħriġ professjonali

Biex ikunu effettivi, l-ispetturi u professjonisti ambjentali oħra jirrikjedu għarfien expert u taħriġ. Il-Kummissjoni se tappoġġja l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ.



Jikkondividu l-għarfien

Aċċess għal informazzjoni tajba dwar l-assigurazzjoni tal-konformità ambjentali huwa importanti. Il-Kummissjoni se tagħmel aktar informazzjoni disponibbli onlajn.



Jgħinu fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-iskart u l-kriminalità fil-ħajja selvaġġa

Il-kriminalità marbuta mal-iskart mhux biss teqred il-kampanja, iżda timmina wkoll l-ekonomija ċirkolari. Il-kriminalità fil-ħajja selvaġġa thedded l-ispeċijiet fil-periklu. Se tingħata gwida dwar l-aħjar modi biex jiġu miġġielda dawn il-problemi.




Jiżguraw konformità

- Se tingħata gwida sabiex jiġi żgurat jikkonformaw mar-regoli ambjentali skont sabiex ix-xmajjar u l-lagi, il-provvisti tal-ilm protetti għall-bene



-9 NIJJIET



Jiprovdu linji gwida tekniċi għall-ispezzjonijiet ta' faċilitajiet tal-iskart ta' estrazzjoni

Se jingħataw linji gwida dwar kif għandhom jiġu spezzjonati l-faċilitajiet li jintużaw biex iżommu l-iskart mill-minjieri u minn industrijiet ta' estrazzjoni oħrajn, minħabba li negliġenza tista' tikkawża diżastri ambjentali.



Itejbu l-immaniġġjar tal-ilmenti taċ-ċittadini

Se tingħata gwida dwar kif l-awtoritajiet jistgħu jwieġbu bl-aħjar mod għall-ilmenti miċ-ċittadini. Lċ-ċittadini jipprovdu informazzjoni siewja dwar azzjonijiet irregolari, li tista' tgħin lill-awtoritajiet jagħmlu xogħolhom aħjar.



Jiżviluppaw użu tas-satelliti

Permezz tal-programm Copernicus, il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu ta' immaġni tas-satelliti u sorsi oħrajn ta' data ġeospazjali biex tidentifika r-rimi illegali ta' skart, l-użu illegali tal-art u ksur ieħor.



Jiprovdu lill-Istati Membri feedback aħjar dwar l-istat tagħhom

Il-Kummissjoni se tipprovdi lill-Istati Membri informazzjoni apposta dwar il-prestazzjoni tagħhom, billi tgħin视角 jidentifikaw il-qawwiet u d-dgħjufijiet tagħhom.

a aħjar fiż-żoni rurali

erat li l-bdiewa u manigġers tal-art oħrajn t il-liġijiet tal-UE dwar in-natura u l-ilma na, u l-ħabitats u l-ispeċijiet rari tagħna jiġu efiċċju ta' kulħadd.

Meta, kif u ma' min

Skeda ta' żmien

L-azzjonijiet se jsiru matul il-perjodu.

Forum ġdid ta' livell għoli

Grupp ta' esperti ta' livell għoli se jservi bħala forum biex imexxi l-Pjan ta' Azzjoni u kwistjonijiet relatati. Dan se jlaqqa' flimkien lill-amministraturi u lill-professionisti tal-Istat Membru li għandhom responsabbiltajiet f'dan il-qasam.

Ħidma mill-qrib man-netwerks Ewropej ta' spetturi, pulizija, prosekuturi, imħallfin u awdituri ambjentali

L-azzjonijiet se jibnu fuq il-ħidma ta' netwerks Ewropej ta' spetturi ambjentali (IMPEL), uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali (EnviCrimeNet), prosekuturi ambjentali (ENPE), imħallfin (EUFJE) u awdituri ambjentali (EUROSAI), li se jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Dawn in-netwerks diġà għandhom rwol vitali fil-kondiviżjoni tal-għarfien.

Tisħiħ tal-katina tal-assigurazzjoni tal-konformità

Il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħaħ il-katina li tgħaqqad ir-rwoli ta' dawn il-professionisti differenti.

Fl-2017, in-netwerks ta' uffiċjali tal-pulizija, spetturi u prosekuturi ffirmaw memorandum ta' ftehim b'rikonoxximent tal-valur ta' rabtiet mill-qrib bejniethom fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.



Iktar informazzjoni:

http://ec.europa.eu/environment/legal/compliance_en.htm



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Print	KH-05-17-145-MT-C	ISBN 978-92-79-74434-1	doi:10.2779/832696
PDF	KH-05-17-145-MT-N	ISBN 978-92-79-74405-1	doi:10.2779/877169

© L-Unjoni Ewropea, 2018

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/EU (OJ L 330, 14.12.2011, p. 39).